# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 266/2015**

Il-Pulizija

vs

**Frangisku Abdilla**

iben Salvu, imwieled Ħal-Safi, fit-8 ta' Novembru, 1948, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 976848(M)

Illum 9 ta' Ottubru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Frangisku Abdilla quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

(1) Akkużat talli nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru 2014, għall-ħabta tal-16.00hrs, fl-inħawi ta' Birżebbugia, u f'dawn il-Ġzejjer, ikkaċċja, jew prova jikkaċċja, ha jew prova jieħu b'xi mezz, xi għasfur meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u cioe' nasab jew prova jonsob għal xi speċi ta' għasfur li mhux il-Malvizz jew il-Pluviera u dan bi ksur tal-kundizzjoni 18 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib tal-Malvizz u Pluviera tal-2014 u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

(2) Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja, jew prova jikkaċċja, jieħu jew prova jieħu b'xi mezz, xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata tahtha u dan bi ksur tar- regolament 4(1)(a), SL 504.71.

Il-Qorti ġiet mitluba li bis-saħħa tar-Regolament 27 tal-A.L. 79 hekk kif emendat (L.S. 504.71), barra li tagħti l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu applikabbli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Kundizzjoni 18 tal-Liċenzja Speċjali għall-Insib tal-Malvizz u Pluvieri tal-2104 u dan bi ksur tar-Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emdentat u r-Regolament 4(1)(a), SL 504.71, ma sabitx lill-imsemmi Frangisku Abdilla ħati tal-akkużi kif dedotti u għaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha wara li tkun semgħet il-provi ammissibbli skond il-liġi, tħassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat ħati ta' l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat u irragjonevoli tal-provi li tresqu quddiemha, kif ukoll enunċjazzjoni u interpretazzjoni żbaljata ta' l-ipotezi tal-liġi.

5.1 <u>Il-provi mressqa</u>

Illi l-prosekuzzjoni preżentat in atti l-affidavits ta' PC 1209 E. Grima u PS 305 A. Gauci t-tnejn stazzjonati fit-Taqsima tal-*Administrative Law Enforcement* (ALE), il-Furjana minn fejn jirriżultaw is-segwenti fatti :-

(a) Illi nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru, tas-sena 2014 għall-ħabta tal-16.00 hrs, iż-żewġ uffiċċjali tal-Pulizija hawn fuq indikati marru fl-inħawi ta' Wied il-Qoton limiti ta' Birzebbugia fuq rapport li huma kienu rċevew ta' insib illegali fuq il-veneww (*Vanellus vanellus)*;

(b) Illi meta l-uffiċċjali waslu fuq il-post indikat, huma setgħu josservaw persuna li kien ġo dura waħdu u li kien qiegħed jonsob;

(c) Illi l-pulizija osservat li din il-persuna kellha żewġ imnasab attivati u numru ta' *decoys* li kienu jikkonsistu f'erba' pluvieri ħajjin, tlett decoys tal-pluvieri tal-plastic u venewwa ħajja. Illi d-*decoy* tal-venewwa kienet impoġġija ġo ġagga ma ġenb il-mansab b'tali mod u manjiera li tiffaċilita għasafar oħra tal-istess speċi li jiġu attirati lejn il-mansab u effetivament minsuba. Illi din il-persuna rriżultat li kienet Frangisku Abdilla. Illi *a tempo vergine* s-Sur Abdilla kien stqarr li huwa kien qiegħed jonsob b'din l-istess venewwa. Illi madanakollu l-esponent jinsab infurmat mill-uffiċċjal prosekutur illi fix-xhieda tiegħu *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellat stqarr li ma kienx qiegħed jonsob għall-veneww iżda kien qiegħed għall-kaċċa tagħhom. Huwa qal ukoll illi ma kienx possibli għalih li jattira l-venewwa ġewwa l-mansab tiegħu għax ma kienx provvist b' *decoys* speċjalizzati tat-taħrik tal-veneww.

(d) Illi f'dan ir-rigward l-appellant jirrileva illi l-ebda nassab m'għandu bżonn ikollu *decoys* speċjalizzati tat-taħrik tal-veneww (illi jkunu marbutin b'*harness* apposta fuq il-mansab u jaqdfu gwenhajhom fil-beraħ) sabiex ikun possibli għalih jattira dik l-ispeċi ġewwa l-mansab tiegħu. Dan peress illi *decoy* ħajja tal-venewwa ġewwa ġagga hija bizzejjed sabiex tattira eżemplari tal-istess speċi ġewwa l-mansab bis-saħħa tad-dehera tagħha u l-għajjat tagħha. Barra minn hekk, peress illi l-venewwa u l-pluviera huma speċi li faċilment jassoċjaw ruħhom flimkien speċjalment waqt il-passa*, decoys* tat-taħrik tal-pluviera huma biżżejjed sabiex jattiraw il-veneww ġo ċ-ċentru tal-mansab.

5.2 L-ipoteżi tal-Liġi

Ir-regolament 4(1)(a) tar-*Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi* (L.S. 504.71) jipprovdi li mingħajr pregudizzju tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'ghandha :-

> *"tikkaċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu[1] xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenżja li tingħata tahtha."*

5.2.1 "tieħu jew tipprova tieħu"

Ir-regolament 2 tal-istess Regolamenti jipprovdi li "tieħu" u "teħid" tfisser l-insib ta' għasafar selvaggi skond id-disposizjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Paul Grech u Carmel Farrugia[2], il-Qorti tal-Appell Kriminali *per* Prim Imħallef Vincent Degaetano rriteniet dwar dan illi:-

> *"kif ġie aktar minn darba ritenut minn din il-Qorti, l-espressjoni "tipprova tieħu" fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kaċċa u l-insib, ma tirreferix għan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodiċi Kriminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tieħu" għasfur li hija jkollha lest l-apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex, appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem ieħor, anke jekk ma jitfaċċa ebda għasfur papabbli għan-nasba, iżda jkun hemm apparat suffiċjenti għall-insib – u f'dan il-każ, għall-insib ta' speċi partikolari ta' għasfur, cioe' pluviera – dik il-persuna tkun qed "tipprova tieħu". Issir referenza f'dan is-sens għas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija –vs- Joseph Vella, 1/9/1995 u Il-Pulizija –vs- Joseph Cini, 15/7/2005."*

Illi għaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent, il-fatt illi l-uffiċċjali tal-pulizija osservaw lill-appellat b'venewwa ħajja ġo gagga magenb il-mansab, huwa bizzejjed sabiex jiġi pruvat li l-appellat kien qiegħed "jipprova jieħu" għasfur, u b'mod partikolari veneww u dan stante li appena jitfaċċa veneww dan kien ser jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek.

---

[1] Enfasi tal-esponent

[2] Deciza 25 ta' Awwissu 2008

5.2.2 "għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti"

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jirrileva primarjament li l-venewwa (*Vanellus vanellus)* hija tajra li hija nkluża fl-iSkeda II tat-Taqsima A tar-*Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-għasafar selvaggi* u għalhekk tista' ssir kaċċa għaliha waqt staġun miftuħ iżda mhux permess l-insib tagħha hekk kif spjegat hawn taħt.

Illi r-Regolament 8(1) tal-istess Regolamenti hawn fuq imsemmija jipprovdi li

> *"Kull tip ta' insib fuq għasafar selvaggi b'kull mezz huwa projbit ħlief bid-derogi awtorizzati għal dak l-iskop skond ir-regolament 9."*

Id-derogi huma regolati minn Regolament numru 9 li jipprovdi li jistgħu jiġu awtorizzati derogi mid-disposizjonijiet tar-regolament 4.

Illi preżentement fil-liġi viġenti, ġew awtorizzati żewġ derogi fir-rigward tal-insib tal-malvizz u l-pluviera[3], kif ukoll fir-rigward tal-insib tal-għasafar tal-għana[4]. Illi madanakollu ma teżisti l-ebda deroga fir-rigward tal-insib tal-veneww u għaldaqstant l-insib tal-veneww huwa strettament projbit. Illi dan joħroġ ċar ukoll mid-diċitura tar-Regolament 7(o) tar-*Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-staġun fil-ħarifa għall-insib tal-malvizz u l-pluviera* u *r-Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun fil-ħarifa għall-insib tal-għasafar tal-għana* li permezz tagħhom ġew awtorizzati d-derogi hawn fuq imsemmija. Illi r-Regolament 7(o) fir-Regolamenti rispettivi jipprovdi li l-insib tal-għasafar, ħlief għall-għasafar li ssir referenza għalihom fl-istess Regolamenti huwa strettament projbit. Illi għaldaqstant għandu jkun paċifiku li l-insib tal-veneww huwa strettament projbit taħt il-ligi viġenti.

5.2.3 "skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata tahtha."

---

[3] Regolamenti dwar qafas biex tigi permessa deroga li tifah l-stagun fil-harifa ghall-insib tal-malvizz u l-pluviera - S.L 504.113

[4] Regolamenti dwar qafas biex tigi permessa deroga li tiftah l-istagun fil-harifa ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana - S.L 504.124

Illi fil-każ in eżami, huwa paċifiku li l-appellat kellu żewġ liċenzji speċjali, waħda għall-insib tal-malvizz u l-pluviera fil-Ħarifa tas-sena 2014 u oħra għall-insib tal-għasafar tal-għana fl-istess perjodu. Illi ai termini tal-Iskeda I tar-*Regolamenti dwar qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun fil-ħarifa għall-insib tal-għasafar tal-għana*, l-għasafar tal-għana jinkludu biss il-ġojjin, il-gardell, il-verdun, l-ekra, taż-żebbug, l-isponsun u l-apparell. Illi l-kundizzjoni 18 tal-liċenzji speċjali rispettivi hawn fuq imsemmija, tispeċifika li persuna liċenzjata ma hijiex awtorizzata tonsob jew tipprova tonsob għal xi speċi ta' għasfur jekk mhux dawk indikati fl-istess liċenzja. Illi għaldaqstant, l-azzjoni tal-appellat saret <u>ukoll</u> bi ksur ta' tali kondizzjoni.

Illi tali ksur tal-kondizzjonijiet tal-liċenzji speċjali għaldaqstant iwassal <u>ukoll</u> għall-ksur tar-Regolament 12(1) tar-*Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi*.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa każ sommarju u din il-Qorti kellha terġa tisma' l-provi mill-ġdid stante li l-ebda xhieda ma ġiet rekordjata u wisq anqas traskritta.

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-Avukat Generali għax ħass li kien sar apprezzament żbaljat tal-provi u kif ukoll enunċjazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi mill-Ewwel Qorti.

Fl-affidavit tagħhom PC 1209 E Grima u PS 305 A Gauci t-tnejn jikkonfermaw li kellhom rapport li kien qed isir insib illegali fuq il-Venew. Infatti meta waslu fuq il-post sabu lil Franġisku Abdilla ġo dura u kien qiegħed jonsob .Infatti kien hemm żewġ imnasab minsuba b'4 Pluvieri ħajjin u kif ukoll tlett decoys tal-pluvieri. Huma osservaw ukoll li kien hemm ġagga u

ġo fija kien hemm Venewwa ħajja. Inoltre, PS 305 A Gauci jżid li meta staqsa lil appellat rigward il-Venewwa lil huwa qallu li kien qed jonsob biha.(Fol 5).

Meta xehed quddiem din il-Qorti l-appellat qal li ma kienx qiegħed jonsob għal Venewwa għax fi x'ħin sabuh il-Pulizija kien qiegħed jonsob u jikkaċċja bis-senter ħdejh. Huwa qal li jista' jispara fuq il-Venewwa iżda ma jistax jaqbadha bl-ixbiek, kompla jżid li kien qiegħed jonsob għall-pluviera u mhux għal Venewwa għax li kieku kien qiegħed jonsob għaliha kien jagħmilha fix-xbiek u mhux barra mill-ixbiek u mal-ħajt. *'Nikkaċċja għal venewwa kont. Għall-Pluvieri kont bix-xbiek'(.Fol 30).* Fir-rigward tal-affidavit ta' PS 305 A Gauci fejn qal li kien qallu li kien qed jonsonb bil-venewwa, l-appellat ċaħaad kategorikament li kien di fatti qed jonsob biha għax kieku kien jagħmilha fl-ixbiek, Venewwa ma kinitx ser tmur ħdejn Pluviera fl-ixbiek u dak li ma kienx kliemu.

L-Avukat Ġenerali jsostni li l-fatt li l-Venewwa kienet ġo ġagga bħala decoy, anke jekk ma ġenb il-mansab u impoġġija naqra iktar il-bogħod mill-Pluvieri, dan kien qed jiffaċilita' l-fatt li l-għasafar tal-istess speċi kienu qed jiġu attirati lejn il-mansab u hekk effetivament jiġu minsuba.

Id-distanza li spjega l-appellat fix-xhieda tiegħu, mhijiex xi distanza speċjali tant li kienet qisu bogħod bejn il-pedana tax-xhieda u s-seġġja ta' din l-istess Qorti u xi ftit iktar, jiġifieri, kienet dik in-naqra bogħod biex ma ttellifx lil appellat li jonsob għall-Pluvieri biex ma jfixkilhomx u fl-istess ħin viċin bizzejjed biex jonsob għall-Venewwa. Għax kif qal l-appellat stess ' *Jekk inti għandek tajra , ħa tgħajtilha tmur ħdejha , mhux ser tmur ħdejn it-tajra l-oħra' (Fol 32).* L-appellat jispjega li ma kellux decoys speċjalizzati biex jonsob għall-venewwa imma din il-Qorti ssibha diffiċli taħseb li setgħa jkollu decoy aħjar mill-Venewwa ħajja ġo gaġġa li qed tipprova ttir u tgħajjat u bl-għajjat tagħha stess qed tattira ieħor bħalha.

Illi kif irreteniet il-Qorti tal-Appell diversament preseduta fil-każ Pulizija vs Paul Grech u Carmel Farrugia fil-25 t'Awwissu, 2008 u kif kkwotat mill-Avukat Generali ' *Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed "tipprova tieħu" għasfur li hija jkollha lest l-apparat meħtieġ u tkun qed tistenna biex, appena jitfaċċa l-għasfur, dan ikun jista' jiġi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi*

*kliem ieħor, anke jekk ma jitfaċċa ebda għasfur papabbli għan-nasba, iżda jkun hemm apparat suffiċjenti għall-insib…'*

Il- venewwa taqa' taħt l-iskeda II tal-L.S. 549.42 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi preċiażament fil-lista li tinkorpora l-għasafar li tista' ssir il-kaċċa għalihom iżda mhux tonsob għalihom.

Għaldaqstant qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti, ssib lil appellat Franġisku Abdilla ħati tal-Ewwel (1) akkuża u tikkundannah multa ta' ħames mitt Ewro, tordna l-konfiska tal-corpus delicti, tirrevoka l-liċenzja għal żmien sentejn millum u tilliberah mit-tieni akkuża stante li hija fuq għasfur protett u l-Venewwa mhux għasfur protett.